MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru 856/2004

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**
**KONTRA**

**ANTONIO MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Antonio Mizzi ta' 71 sena, bin Enrico u Rosaria nee' Arpa, mwieled Hamrun nhar il- 5 ta' April 1933, residenti fil- fond 4, Merhba, Triq it- Trincetta, Mosta, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 297233(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer f’ April 2000 u fit- tlett snin ta’ wara, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn somma ta’ flus li globalment tilhaq l- ammont ta’ madwar Lm 11,000, liema somma ta’ flus kienu jappartjenu lil Giovanna Tabone u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd ta’ flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe li jigu kkonsenjati lil Giovanna Tabone u dan bi ksur tal- Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien gie inkarigat bhala prokuratur biex jamministra l-beni ta’ Giovanna Tabone, li kienet tigi oht il-mara tal-istess imputat. Ghalhekk l-imputat kien qed jamministra l-beni ta’ membru tal-familja ta’ martu li, fl-eventwalita’ li din Giovanna Tabone tigi nieqsa, peress illi kienet xebba, il-beni taghha kellhom jinqasmu bejn hutha l-eredi taghha. Din il-prokura inghatat lill-imputat permezz ta’ zewg atti, datati 7 ta’ Marzu 2000 u 6 ta’ April 2000, u gew revokati fis-17 ta’ Lulju 2003. Gara li Giovanna Tabone u hutha l-ohra bdew jissuspettaw fl-imputat li kien qed jiehu xi flus taghha bil-mohbi, u b’hekk saret din il-kawza.

Mill-provi prodotti, izda, ma rrisulta xejn minn dan. Irrisulta biss li Tabone u hutha ma kienux jafdaw lil xulxin fuq materja ta’ flus, u ghalhekk kien gie inkarigat l-imputat, li kien parti mill-familja izda barrani bizzejjed biex jigi fdat. Di fatti, l-istruzzjonijiet li kellu l-imputat minn Giovanna Tabone kienu li hu ma kellux ighid lil hutha b’dak li kien qed jaghmel, izda l-imputat kien fil-fatt jaghti rendikont bil-miktub lil hutha kollha, u dawn kienu jiffirmaw li huma rcevew kopja kull wiehed tar-rendikont tieghu. Dan hu ammess kemm mill-imputat kif ukoll mid-diversi ahwa Tabone li xehedu f’ dawn il-proceduri.

In sostenn tal-kawza, il-Prosekuzzjoni esebiet diversi dokumenti, inkluz kopji ta’ kontijiet bankarji, biex juru li l-imputat kien qed jisbanka flus minn dawn il-kontijiet. Minn esami akkurat ta’ dawn id-dokumenti, jirrisulta li fil-fatt l-imputat kien qed jisbanka xi flus, izda kien qed jinforma lill-ahwa Tabone kollha dwar kull azzjoni li hu ha. Dawn jidhru cari mid-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni u mix-xiehda tal-ahwa Tabone. Il-process hu mimli dokumenti redatti mill-imputat stess u mghoddija lil Giovanna Tabone u lil hutha fejn hemm indikat ezatt fid-dettall x’kien qed jaghmel l-imputat. Is-suspett li kien tqanqal fih jidher li kien risultat ta’ nuqqas ta’ fiducja fih minghajr ebda raguni fondata, u ghalhekk ma baqax jigi fdat. Minn hemhekk, Tabone u hutha dahhluha f’mohhhom li l-imputat kien qed jiehu l-flus taghha, minghajr ma kellhom prova konkreta fuq x’hiex jimxu. Huwa minnu li l-imputat zbanka hafna mill-flus li kellha Tabone, izda dan jidher li sar fuq istruzzjonijiet taghha stess, u hutha kienu qed jigu informati b’kollox. Madankollu, kif gieli jigri f’kwistjonijiet familjari bhal dawn, dahal dan is-suspett fl-imputat u hadd ma baqa’ jafdah u jemmnu, u allura daru kontrih u mexxew kawza fuq rapport ta’ misapproprjazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha fil-konfront ta’ Mizzi. Ghalkemm l-imputat ma kellu jipprova xejn, kien konsistenti bizzejjed biex juri li ma kien wettaq ebda reat fl-amministrazzjoni tal-beni ta’ Giovanna Tabone bhala prokuratur taghha. Ghalkemm sarlu kontro-ezami serrate hafna mid-difensur tal-parte civile, liema kontro-ezami dam ghal tlitt seduti

shah, Mizzi baqa' konsistenti f'kull ma qal, u issostanzja x-xiehda tieghu b'riferenza kontinwa ghad-dokumenti redatti minnu li kienu wkoll moghtija lill-parte civile.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fih u ghaldaqstant ser tilliberah minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------